MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2002

Numru. 831/2002

**Il-Pulizija
(Sp. David Saliba)**

**vs**

**Gino Bruno Gauci ta' 36 sena, iben Vincent u Ersilia nee Caruana , mwieled UK, fid-9 ta' Gunju, 1966 u joqghod 'Vermont Flats', Flat 5, Triq il-Qawra, Qawra, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 123183 (M)**

**Illum 29 ta' Novembru, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Gino Bruno Gauci li gie akkuzat talli fil-lejl ta' bejn is-6 u s-7 ta' Ottubru, 2002 ghall-habta ta' 3.00 a.m. mill-ispizerija bl-isem 'Promenade Pharmacy', li hija sitwata f'dawret il-Gzejjer, Bugibba kkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom laptop computer, fwejjah kif ukoll flus kontanti li l-valur taghhom jeccedu s-somma ta' Lm 1000 ghad-dannu ta' Mark Causon, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u hin.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin, u cirkostanzi hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli fl-imsemmi fond liema hsara tiskorri Lm 50 izda anqas minn Lm 500 ghad-dannu ta' l-istess sid.

Rat li l-akkuzat matul id-debita interrogatorju wiegeb li hu hati.

Rat ukoll il-pre sentencig report kif redatt minn Marietta Lanzon.

Rat ukoll l-istqarrijiet rilaxxati minn Gauci b'mod partikolari t-tieni wahda fejn tista' tghid a tempo vergine ammetta l-involviment tieghu f'din is-serqa.

Rat ukoll li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li bl-ghajnuna ta' l-akkuzat, ghajr ghal affarijiet minimi, ir-res furtiva kienet giet irkuprata kollha.

In kwantu li giet registrata ammissjoni semghet anke t-trattazzjoni ampja fuq il-piena u anke lill-Ispettur David Saliba dwar il-quantum tad-danni sofferti mid-derubat. F'dan ir-rigward rat anke l-lista tad-danni sofferti minn Causon annessa mar-rapport ta' Marietta Lanzon. Rat ukoll il-verbal li ghamel l-avukat difensur fl-1 ta' Novembru, 2002 fejn hemm obbligazzjoni li jekk jirrizultaw, l-akkuzat kien se jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti.

In vista ta’ l-ammissjoni registrata u wara li rat l-artikoli 261, 263, 267, 270, 278, 279, 280, 20, 325, 49 u 50 tal-kap 9. Dwar il-piena wara dak kollu premess ma tistax ma taqbilx ma’ l-Ufficjal Prosekutur li dan huwa reat serju. Min-naha l-ohra bla ma trid taghti impressjoni mod iehor (cioe dwar is-serjeta’ tar-reat), ma tistax ma tikkonsidrax dak li qalet il-Probation Officer u cioe li piena karcerarja tista’ tkun ta’ detriment ghall-akkuzat. Fil-fatt l-Ufficjal tal-Probation mahtur issuggeriet ordni ta’ Probation ghal tliet snin u kumpens fil-massimu li tippermetti l-ligi taht il-Kap 152 ta’ Lm 500.

Gie anke rilevat mill-Ufficjal tal-Probation illi l-akkuzat dan l-ahhar minn jeddu anke beda jattendi ghal sezzjonijiet ma’ l-Agenzija Sedqa ghall-programm Zerniq, kontra l-abbuz ta’ l-alkohol, problema rikorrenti fil-hajja ta’ l-akkuzat. Anke jekk l-attendenza ghal tali sezzjonijiet setghet giet indotta biex tikkonvinci lil din il-Qorti li m’ghandhiex thassar tali buona volonta’ b’piena karcerarja, f’dan il-ikaz il-Qorti mhux talli mhux se thassar tali buona volonta’ min-naha tieghu anzi se tinsisti fuqha kif gej. Ghaldaqstant wara li rat l-art 5 tal-kap 152 qeghda tqeghdu fuq ordni ta’ Probation ghal perjodu ta’ tliet snin mil-llum taht il-kundizzjoni infraskritti f’l-hawn annessa Probation Order b’dan illi qed tahtar lil Carmen Nygaar.

B’dan ukoll li barra dana kollu u dan jidher fl-istess Probation Order tordna li ghal dan il-perjodu ta’ tliet snin Gino Bruno Gauci ghandu jkompli l-programm li beda fi hdan iz-Zerniq kontra l-abbuz ta’ l-alkohol, jew ghar-ragunijiet accettabbli ghall-istess Probation fi hdan agenzija ohra ghall-istess skop. B’dan illi din il-Qorti ghandha tkun infurmata bil-progress tieghu bil-kitba kull xahrejn (kopja ta’ liema trid tinghata wkoll lil Gauci).

Rat ukoll l-artikolu 11 tal-kap 152 u tordna lil Mark Causon bhala danni s-somma ta’ Lm 500 (hames mitt lira Maltin) li ghandha tithallas fi zmien xahar mil-llum. B’dan pero’ li hi qed tfakkar lill-akkuzat li f’verbal fl-atti ta’ din il-kawza huwa kien obbliga ruhu li jhallas dawk l-ispejjez (qua danni u hsara) kollha li setgha talvolta sofra Mark Causon.

---------------------------------TMIEM---------------------------------